Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (Eur Law)
Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur David Galea)

vs

Anthony Joseph Portelli

Illum 31 ta’ Mejju, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra ‘il fuq imsemmi imputat Anthony Joseph Portelli, iben Anthony u Josephine nee Calleja, imwieled Attard fil-11 ta’ Dicembru, 1973 u detentur tal-karta tal-identita Nru 82674M, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli :

(a) talli fil-21 ta’ Awissu, 1999 f’Bay Square, Bugibba ghall-habta ta’ 5.00a.m. waqt li kien fis-Caesar’s Nightclub, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq

hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe mwejjed, siggijiet, tazzi etc., liema hsara teccedi l-LM50, izda inqas minn LM500 ghad-dannu ta' Alan Bugeja;

(b) talli qal kliem oxxen fil-pubbliku li jikkonsisti f'dagha u

(c) aktar talli bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor u

(d) talli bhala Ufficjal Pubbliku ikkommetta reat meta kien f'dover li jara li dan ir-reat ma jsehhx.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-28 ta' Marzu, 2000 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 325(b), 338(bb), 338(m), 141, 342, 17(c) u 20 tal-Kodici Kriminali u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, inkluz lill-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament.

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi fil-21 ta' Awissu, 1999 ghall-habta tal-hamsa ta' filghodu PC473 Martin Gatt li kien qieghed Pioneer Road Bugibba gie infurmat minn xi turisti illi kien hemm xi ragel illi kien qieghed ikisser u jaghmel hsara fis-Ceasar's Night Club, Bugibba. PC473 mar fuq il-post, ra hafna nies barra u ra ragel fis-Ceasar's Night Club b'banketta f'idejh li kien qieghed ikisser. PC473 gharaf lill-imputat fuq imsemmi bhala dan il-persuna li kien qieghed ikisser kif intqal. PC473 Martin Gatt sejjah ghall-ghajnuna u huwa xehed illi huwa kien fil-bieb tas- Ceasar's Night Club u seta jara x'kien qieghed jigri gewwa u ra hgieg imkisser u injam mal-art tat-tifrik. Huwa ma dahalx gewwa peress illi deherlu li l-imputat kien perikoluz.

Illi xehed PS1422 Joseph Mercieca u qal illi dakinhar kif kien ser jidhol fis-Ceasar's Night Club gie fuqu d-Direttur Manigerjali tal-istabiliment u qallu li ahjar li ma jidholx peress illi l-persuna li kienet qeghda taghmel id-disturb

kienet agressiva.  PS1422 xehed illi ftit tal-hin wara tfacca l-imputat fil-bieb.  Kien hemm numru ta' siggijiet u imwejjed barra u l-imputat beda jaqbadhom u iwaddabhom mal-art u hin minnhom ukoll ipprova jahbat ghalih u l-imputat qallu li kien qieghed jaghmel hekk peress illi kienu ser jittowjawlu l-vettura f'okkazzjoni precedenti.  PS1422 xehed illi kien hu illi kien ser jittowja l-vettura tal-imputat, pero' dan kien gara xahar qabel.  Ix-xhud kompla jghid illi f'dak il-mument kellu mieghu lil PC314 illi ikkalma lill-imputat u kien hemm ukoll hbieb tal-istess imputat.  Lill-imputat ma arrestahx ghaliex dak il-hin kien perikoluz.  Gewwa kien hemm flixken, hgieg, tazzi, imwejjed u siggijiet imkissra.

Illi xehed Alan Bugeja, proprjetarju tas-Ceasar's Club, Bugibba u xehed illi dakinhar in kwistjoni il-'barman' Sandro Vassallo kien cempillu.  Huwa sema l-ghajjat minn fuq it-'telephone' u l-'barman' kien qallu illi ahjar imur fuq il-post.  Alan Bugeja nizel fuq il-post, il-hin kien xi l-erbgha ta' filghodu u x'hin dahal ra lill-imputat fuq imsemmi jiggieled ma tnejn minn nies ohra.  Huwa ipprova ikellem u jikkalma lill-imputat, pero' kien ser jintlaqat hu u ghalhekk hareg 'il barra.  Kif ghamel hekk cempel lill-pulizija li gew fuq il-post u stennew lill-imputat sa kemm johrog barra, pero' ma kienux arrestawh, pero' baghtuh lejn id-dar.  Ix-xhud kompla jghid illi dakinhar l-imputat fuq imsemmi kien

ghamillu hsarat fil-hanut tieghu u esebixxa dikjarazzjoni illi iffirma hu stess fl-ghassa tal-Qawra fil-25 ta' Novembru, 1999 fejn talab lill-pulizija sabiex ma jiehdux passi kriminali kontra l-imputat fuq imsemmi peress illi kienu solvew il-kwistjoni bejniethom. Ix-xhud kompla jghid illi l-ammont ta' hsarat kien jaqbez l-erba' mitt lira u l-imputat kien hallsu ta'kollox.

Illi xehed l-imputat u qal illi fil-21 ta' Awissu, 1999 huwa kien is-Ceasar's Night Club, Bugibba fis-sieghat kmieni ta' filghodu. Huwa kien qieghed jixrob mal-bar, kien hemm zewg irgiel u laqat wiehed minnhom, ma jafx ghaliex. Dan ir-ragel dar fuqu, beda jidghi u fil-fatt beda argument. Skond l-imputat dan ir-ragel qabad it-tazza u haslu bix-xorb f'wiccu u daru zewg irgiel fuqu, bdew iwaddbuli t-tazzi qishom imgienen. Huwa qabad banketta u imbuttahom. Hareg barra mill-pub u dawn iz-zewg irgiel hargu warajh sa barra, wadbulu t-tazza u laqtulu l-vettura tieghu. Hu telaq lil hemm. L-imputat ammetta ukoll illi xogholu huwa Suldat mal-Forzi Armati ta' Malta u huwa konxju mir-responsabbilitajiet tieghu. Huwa kompla jixhed in kontro-ezami illi meta waddab il-banketta fil-hanut dina ma waddabha fid-direzzjoni ta' hadd. Sussegwentement qal illi l-banketta zammha f'idejh pero' ma waddabhiex u hsara fil-hanut ma ghamilx. X'hin gew il-pulizija huwa telaq 'l hemm

peress illi kien eccitat.  L-imputat kompla jixhed illi li kieku l-pulizija infurmawh illi kienu ser jiehdu passi kontra tieghu huwa kien jitlob lil xi nies illi kienu prezenti u raw l-incident sabiex jitilghu jixhdu l-Qorti u jghidu dak illi gara, pero' ma kienx jaf b'xejn u ghalhekk tilef l-opportunita li iressaq xhieda tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi t-tezi tad-difiza hija illi kien hemm zewg persuni ohrajn fis-Caesar's Night Club illi qabdu jiggieldu mal-imputat u ikkagunaw ghalhekk l-incident kollu in kwistjoni.  L-imputat ma jahtix, ma giex infurmat illi ser jitressaq il-Qorti u ghalhekk ma kellux l-opportunita sabiex iharrek lil dawn iz-zewg persuni illi huwa jghid illi ma jafx x'jisimhom sabiex jixhdu in difeza.

Illi l-Qorti rat il-provi kollha li tressqu u hadd mix-xhieda ma semma lil dawn iz-zewg irgiel, jew almenu ragel wiehed illi semma l-imputat.  PC473 Martin Gatt xehed illi ra lill-imputat fis-Ceasar's Night Club qieghed ikisser b'banketta f'idejh.  Huwa kien qieghed fil-bieb tas-Caesar's, seta jara gewwa u ra hgieg imkisser u injam mal-art tat-tifrik.  Huwa xehed illi ma dahalx peress illi l-imputat deher perikoluz u ghalhekk huwa ma dahalx ghaliex beza illi l-imputat seta

iweggghu.  PS1422 Joseph Mercieca xehed illi Alan Bugeja, sid il-hanut, qallu biex ma jidholx fil-pub ghaliex l-imputat kien aggressiv.  Fil-fatt ftit wara tfacca fil-bieb l-imputat, kien hemm xi siggijiet, imwejjed barra u l-imputat beda jaqbadhom u iwaddabhom mal-art.  F'hin minnhom ipprova wkoll jahbat ghalih peress illi xi xahar qabel huwa kien ser jittowjalu l-vettura tieghu u kien hemm ukoll xi hbieb tal-imputat illi wkoll kienu qeghdin jippruvaw jikkalmawh.  PS1422 tant ra illi l-imputat kien perikoluz illi dak il-hin ma arrestahx u kellem pero' lil Alan Bugeja li kien qallu illi kien kissirlu l-imputat xi affarijiet ukoll fil-pub.  Ix-xhud dahal fil-pub u ra flixken, hgieg, tazzi, imwejjed u siggijiet imkissra.

Illi Alan Bugeja semma lil dawn iz-zewg persuni ohrajn illi fil-fatt semma l-imputat.  Pero' huwa xehed illi l-imputat kien qieghed jilletika ma tnejn minn nies ohrajn.   Xehed ukoll illi dahal biex ikellem lill-imputat sabiex jipprova jikkalmah.  Pero' meta ra li kien ser jintlaqat hu hareg 'il barra.  Sid il-pub qal illi l-imputat dakinhar kien ghamillu l-hsarat fil-hanut tieghu u ghal dawn il-hsarat l-imputat kien hallsu ghall-ammont kollu, liema ammont kien jaqbez l-erba mitt lira Maltin.  Alan Bugeja fix-xhieda tieghu indika illi kien l-imputat li kien qieghed jiggieled ma zewg persuni ohrajn.  Huwa semma ukoll illi huwa dahal fil-hanut biex ikellem lill-

imputat, biex jipprova jikkalmah u mhux biex jipprova ikellem, jew jipprova jikkalma liz-zewg persuni l-ohrajn illi semma l-imputat u dan jindika b'mod car daqs il-kristal illi kien l-imputat li kien qieghed jikkaguna l-incident kollu.

Illi inoltre Alan Bugeja, sid il-hanut, xehed illi l-imputat hallsu ghall-ammont kollu tal-hsarat illi ikkagunalu fil-hanut, liema ammont kien jaqbez l-erba mitt lira Maltin.

Illi certament li kieku l-imputat ma kienx responsabbli ghall-incident, imma kienu responsabbli z-zewg persuni l-ohrajn illi skond l-imputat qabdu mieghu fil-hanut u ikkagunaw il-glieda huma u mhux hu allura l-imputat ma kienx ser jaqbad u jhallas ghall-ammont hu, liema ammont ma kienx xi ammont zghir imma kien jaqbez l-erba' mitt lira Maltin.

Illi l-imputat ma kienx kredibbli fix-xhieda illi ta. Huwa qal illi kien hemm zewg irgiel qeghdin jixorbu fil-bar, wiehed minnhom ghal ta' xejn b'xejn dar fuqu u beda jibbuljah, jidghi, jitkellem hazin u bdew jargumentaw. L-imputat ma jghidx dwar x'hiex inqala' l-argument u kompla jixhed illi dan ir-ragel f'salt wiehed qabad tazza u haslu bix-xorb f'wiccu u dana minghajr ma isemmi ghaliex. L-imputat umbaghad xehed illi qabad banketta u biha imbotta lil dawn

iz-zewg irgiel. Hareg barra l-pub u dawn iz-zewg irgiel baqghu jigru warajh sa barra.

Illi xehdu l-pulizija kif diga intqal u hadd minnhom ma semma li kien hemm xi irgiel f'dan il-pub, anzi qalu illi raw lill-imputat illi baqa ikisser anke barra l-pub u meta ghamel hekk huwa kien wahdu.

Illi wkoll hadd mill-pulizija ma xehed illi dawn iz-zewg irgiel bdew jghajjruhom "kenniesa" kif xehed l-imputat.

Illi l-imputat ammetta wkoll illi issettilja l-kwistjoni ma Alan Bugeja.

Illi in kontro-ezami l-imputat xehed illi l-banketta ma waddabha fid-direzzjoni ta' hadd u dana meta l-pulizija xehdu illi rawh iwaddab il-banketta. L-imputat xehed ukoll illi hsara fil-hanut ma ghamilx u allura wiehed proprju ma jistax jifhem kif l-imputat jaqbad u jhallas skond kif xehed Alan Bugeja is-somma ta' aktar minn erba' mitt lira Maltin.

Illi dan ammettih ukoll l-istess imputat meta xehed li huwa irranga kollox ma Alan Bugeja. L-imputat fix-xhieda tieghu ammetta illi meta gew il-pulizija kien eccitat u meta rahom telaq jigri 'l hemm. Li kieku verament kien qieghed jigi

aggredit minn xi persuni li hargu barra l-pub u bdew jixthulu t-tazzi u laqtulu l-karozza l-imputat minflok jitlaq ‘l hemm kien jibqa fuq il-post, kien anzi jiehu pjacir bil-prezenza tal-pulizija u jirraporta lil dawn iz-zewg persuni li skond hu aggredewh, tefghulu t-tazzi u anke ghamlulu hsara fil-vettura tieghu.

Illi ghalhekk il-Qorti tiddikjara illi l-imputat mhuwiex xhud kredibbli u tara illi l-Prosekuzzjoni irnexxiela tipprova l-akkuzi kollha kontra l-imputat fuq imsemmi illi minn jeddu u bil-gurament ammetta illi huwa suldat mal-Forzi Armati ta’ Malta.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, wara li l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tat-28 ta’ Marzu, 2000 il-Qorti tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-piena, l-Qorti qieset il-fatt illi l-imputat hallas lil sid l-istabbiliment l-hsarat kollha illi huwa ikkaguna dakinhar tal-incident in kwistjoni.  Hija rat ukoll il-fedina penali tal-imputat illi hija wahda relattivament netta. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi fl-incident in kwistjoni ma wegga hadd.  Ghaldaqstant wara illi l-Qorti rat ukoll l-

Artikolu 9 tal-Kap. 152 filwaqt illi tiddikjara illi piena karcerarja ma tkunx idonea ghall-akkadut, imma ikun aktar opportun illi l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex jaqbad it-triq it-tajba u ma jirrepetix aktar incidenti bhal dan in kwistjoni, il-Qorti tillibera lill-imputat fuq imsemmi u taghmel dan bil-kundizzjoni illi huwa ma jikkommetti l-ebda reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur